MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Numru. 716/2001

Il-Pulizija
(Spettur Jason Agius)
vs
Andrew Zarb

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Andrew Zarb, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 176472(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli bejn l-14 ta' April 2000 u l-4 ta' Lulju 2000 u fis-snin ta' qabel fil-fond 'Felandor' nru 295, Triq il-Gdida, Luqa bhala detentur ta' l-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond li jammonta ghal LM 37.60c ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu aggravat bil-mezz u l-hin.

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u/jew fil-gumni ta' l-elettriku, jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku jew ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tad-dawl, jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Ghaldaqstant il-Qorti giet mitluba li tapplika l-providiment ta' l-Art. 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-4 ta' Lulju tas-sena 2000 il-pulizija ta' Rahal Gdid ircevew informazzjoni minn Louis Galea u Peter Micallef, electrical fitters mal-Korporazzjoni EneMalta illi kienu ghadhom kif ghamlu spezzjoni fil-fond tal-imputat, wara li kienu gew awtorizzati mill-Water Services Corporation biex ibiddlu l-meter tal-elettriku, skond il-file taghhom illi l-meter tad-dawl fl-imsemmi fond tal-marka Ferrante kien imbaghbas. Il-meter tad-dawl kien installat fil-garage ta' din ir-residenza.

Illi minn aktar investigazzjonijiet illi kienu saru mill-pulizija irrizulta illi dan il-meter kellu parti mill-'cover' tieghu illimata u kellu tlett sigilli imbaghbsa. Irrizulta lill-pulizija illi sid dan il-post kien l-imputat fuq imsemmi.

Illi giet infurmata l-Magistrat tal-ghassa u saret Inkjesta Magisterjali.

Illi l-imputat fuq imsemmi kien ta x-xhieda tieghu bil-gurament lill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti u kien qallu li kien xtara l-post erba’ snin qabel u li kien ilu jokkupa dan il-post sena.

Illi xehed Silvio Decelis, Administrative Officer mal-Korporazzjoni EneMalta u esebixxa ‘breakdown of estimates’ u ‘record of consumption’ rigwardanti il-fond in kwistjoni. Huwa xehed illi fid-dokumenti illi esebixxa hemm indikat illi kien biss fl-ahhar illi kien sar telf ta’ konsum ta’ dawl u li l-ammont misruq kien jammonta ghal sebgha u tletin lira u sittin centezmu (LM37.60), liema ammont kien diga thallas mill-imputat fuq imsemmi minghajr pregudizzju. Is-Sur Decelis xehed illi l-imputat kien hallas ukoll ghall-hsarat. Is-Sur Decelis xehed illi ma kienx jaf jekk l-imputat kellux ‘solar heater’ fid-dar tieghu u qal illi jekk l-imputat fil-fatt ghandu ‘solar heater’ allura jista jkun li l-ammont tal-konsum ta’ dawl jonqos, pero’ mhux bl-ammont kif hemm imnizzel fir-‘record of consumption’. Is-Sur Decelis kompla jixhed illi r-rata ta’ kuljum hija 1.3 units u illi anke ‘fridge’ tahli dak l-ammont ta’ dawl, ahseb u ara l-‘appliances’ ohra li jkun hemm gol-fond (vide fol. 35 tal-process).

Illi l-perjodu li qeghdin nitkellmu fuqu huwa mill-14 ta’ April tas-sena 2000 sal-4 ta’ Lulju tas-sena 2000.

Illi fl-14 ta’ April tas-sena 2000 il-‘meter’ tad-dawl in kwistjoni kien qieghed jirregistra konsum kull gurnata ta’ tlettax il-unit. Mentri fl-4 ta’ Lulju tas-sena 2000 il-meter tad-dawl kien qieghed jirregistra biss 1.3 units.

Illi punt rilevanti ferm huwa dak illi jirrizulta a fol. 39 tal-process fit-tieni faccata u cioe’ l-‘installed loads’ illi kien hemm fil-fond in kwistjoni. Fl-4 ta’ Lulju tas-sena 2000 meta l-meter kien irregistra biss 1.3 units ta’ konsum ta’ dawl. L-‘appliances’ installati fil-fond kienu ‘television, fridge freezer, airconditioner, microwave oven’, zewg

fannijiet, hamsa u ghoxrin lampa, tlett tubi, hadida tad-dawl u ‘washing machine’.

Illi xehed Peter Micallef, impjegat tal-Korporazzjoni EneMalta, li mar fil-fond in kwistjoni fl-4 ta’ Lulju tas-sena 2000. Dakinhar irrizultalu meta fetah il-‘meter’ tad-dawl illi s-sigilli tieghu kienu gew ‘tempered with’ u li l-‘cover’ tal-‘meter’ kien gie illimat fuq in-naha tax-xellug tieghu. Huwa xehed illi biex tara din il-limatura trid tiftah il-‘cover’ tal-‘meter’ tad-dawl in kwistjoni. Huwa xehed ukoll illi l-limatura ma kienitx tikkaguna minnha innifisha telf ta’ konsum tad-dawl.

Illi xehed Louis Galea, ukoll impjegat tal-Korporazzjoni EneMalta, illi wkoll kien prezenti fil-gurnata in kwistjoni fil-fond tal-imputat. Huwa wkoll xehed illi l-‘cover’ tal-meter tad-dawl kien illimat u li s-sigilli tac-comb ta’ dan il-meter kienu gew imbaghbsa. Huwa xehed illi biddlu l-‘meter’ ghamlu rapport lill-pulizija u saret Inkjesta Magisterjali. Louis Galea kompla jixhed illi l-limatura minnha innifisha ma tikkaggunax telf tad-dawl, pero’ una volta li jkun hemm dik il-limatura dak li jkun jista idahhal xi haga biex iwaqqaf li l-‘meter’ ikompli jdur. Pero’ dakinhar tal-ispezzjoni huma fil-‘meter’ ma sabu xejn.

Illi Philip Zammit, espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti ikkonkluda illi minn dan il-‘meter’ kien sar, jew kien ghadu qieghed isir, xi tbaghbis, fis-sens illi minn bejn il-‘cover’ tal-‘meter’ u cioe’ fejn kien hemm l-illimar kienet tiddeffes xi bicca tertuqa jew xi oggett simili biex jimpedixxi d-disk tal-‘meter’ milli jdur u b’hekk ma jigix registrat il-konsum tal-elettriku kollu li kien qed jinhela mill-apparat tal-elettriku installat f’dan il-fond. Huwa ikkonkluda wkoll illi bl-istess tbaghbis il-‘meter’ saritlu hsara stmata hames liri (LM5).

Illi Philip Zammit irrelata wkoll illi l-‘load’ tal-apparat tal-elettriku imqabbad ma din l-istallazzjoni kien jikkonsisti f’ ‘television 85 watts, fridge freezer 185 watts, air-condition 3,200 watts, washing machine 3,000 watts, microwave oven 750 watts,’ zewg ‘fans’ 60 watt il-wiehed, hamsa u ghoxrin lampa tal-erbghin watt il-wiehed, tlett ‘neon tubes’

ta’ erghin watt il-wiehed u hadida tal-mghoddija ta’ 750 watt.

Illi meta xehed l-imputat f’dawn il-proceduri huwa <u>biddel il-verzjoni</u> tieghu minn meta kien xehed quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fis-sens illi meta kien xehed fl-inkjesta l-imputat kien qal illi kien ilu jirrisjedi fil-fond sena u meta xehed f’dawn il-proceduri fis-seduta tas-27 ta’ Frar, 2003 a fol. 75 tal-process l-imputat qal illi meta inqala l-incident de quo kien ghadu ma joqghodx fil-post bhala r-residenza ordinarja tieghu u hekk jirrizulta car daqs il-kristal illi l-imputat mhuwiex xhud kredibbli u ghaldaqstant il-Qorti sejra tiskarta x-xhieda tieghu.

Illi l-Qorti tara illi mix-xhieda illi tresqet u senjatament x-xhieda illi ta l-Qorti Silvio Decelis u ir-rapport mahluf mill-espert tal-Qorti Philip Zammit ma jistax ikun illi l-apparat installat fil-fond in kwistjoni il-konsum jaqra biss 1.3 ‘units daily’.

Illi kif xehed tajjeb Silvio Decelis anke ‘fridge’ tahli 1.3 ‘units’ ta’ dawl ‘daily’, ahseb u ara l-‘appliances’ li kienu installati fil-fond, bhal per ezempju ‘air-conditioner’, ‘washing machine’, hadida tad-dawl, u ‘microwave oven’.

Illi b’hekk jirrizulta illi l-imputat fuq imsemmi ma irnexxielux jeghleb il-presunzjoni naxxenti mill-Artikolu 264 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261(b), 261(f), 263, 264, 265, 266, 270, 278 u 283 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 17, 20, 31, u 325(d) tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta, kif ukoll il-fatt illi peress illi l-Ufficjal Prosekutur naqas milli jesebixxi l-fedina penali tieghu l-Qorti sejra tassumi illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta, u ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja hija idoneja ghall-akkadut. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara, ghal kull buon fini, illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur Qrati Kriminali jhallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------